SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 64/K9/24**

Data tal-laqgħa: 20 ta' Frar 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Clayton Luke Mula - Viċi Sindku
Sean Gauci – Kunsillier
Victor Vella – Kunsillier
Martin Sultana – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

Adrian Domenic Ellul - Il-Kunsillier
John Agius - Kunsillier

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**64.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

64.1.01 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talab li jiġi skużati għal din il-laqgħa. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**64.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

64.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 63/K9/23.

64.2.02 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti.

64.2.03 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 63/K9/23.

64.2.04 Iċ-Ċermen Guido Dalli ssekondah fl-approvazzjoni tagħhom.

64.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**64.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

64.3.01 Dwar l-applikazzjonijiet tal-lifelong learning, il-Kunsill applika għal-erbgħa courses. Dawn huma: Creative Knitting, Crochet, Maltese Bobbin Lace Making u Ganutell. Jekk dawn jiġu aċċettati, min-naħa tad-Direttorat, dawn jibdew jsiru ġewwa l-Kunsill Lokali stess.

64.3.02 Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2024, ser ikun qed issir Press Release mill-Ministru Glenn Bedingfield kif ukoll l-Cleansing Service Department dwar il-launching tar-robot li jnaddaf it-toroq li ser jibda joopera ġol-lokalita'. Il-Ħamis 29 ta' Frar 2024 ser ikun qed isir l-launching tal-upgrading li sar ġewwa Xatt is-Sajjieda. Iċ-Ċermen informa wkoll li saret press conference dwar il-launching li l-Paceville Town Centre Management ser jerġa jibda joopera. Sare ukoll press conference dwar project green ġewwa art f'Ta' Giorni li ser tiġi rrangata għal spazju ta' rikreazzjoni. Din saret nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2024.

64.3.03 Iċ-Ċermen spjega li għada filgħodu ser ikun qiegħed jiltaqa' mal-Perit Grech minn Infrastructure Malta dwar Telgħet Birkirkara il-biċċa mill-SMS l-fuq, fir-rigward il-biċċa li fadal issir bit-tarmac. Kif ser ikollom l-permessi neċċessarji, ser ikunu qed jibdew ix-xogħolijiet. Min-naħa ta' Infrastructure Malta ser ikunu qed jagħmlulna wkoll Triq il-Kbira.

64.3.04 Il-ftehim ta’ Pawlu Xuereb tlesta u dan intbagħat lill-Planning Authoritu għal-approvazzjoni sabiex inkunu nistgħu nibdew nużaw dawn il-fondi.

64.3.05 Ix-xogħolijiet ta’ Triq Paceville beda x-xogħol min-naħa ta’ Infrastructure Malta, jidher li kien hemm xi lmenti dwar drenaġġ iżda din kienet qed tissolva.

64.3.06 Ġnien Spinola – huwa stmat li x-xogħolijiet ser jibdew madwar sentejn oħra sabiex ma jsirux ma’ Triq Paceville. Iċ-Ċermen spjega lltaqa mac-CEO tat-TZRA is-Sur Dennis Vella dwar Ġnien Spinola, huwa tkellmu dwar is-siġar li hemm fil-preżent u li dawn m’għandhomx jitneħħew, għaldaqstant hemm il-probabilta’ li dan il-proġett jaqa’ u jiġi mplimentat b’dawn is-siġar kif inhuma.

64.3.07 Il-Clinic li ser ikun qed isir ġo San Ġiljan, il-ġimgħa l-oħra beda x-xogħol. Ser jitkompla għaddej il-pluming u d-dawl, u ser jibda l-madum.

64.3.08 Fl-4 ta’ Frar 2024 sar il-*launching* ta’ l-ewwel defribilator li ġie installat ġewwa l-Pjazza tal-Balluta. Ser inkunu qed nwaħħlu tnejn oħra fiż-żmien li ġej kif kien ġie miftiehem.

64.3.09 Iċ-Ċermen spjega dwar l-applikazzjoni ta’ skema għar-restawr, fejn ikjarifikajna jekk nistgħu nagħmlu id-dawl tal-Knisja tal-Kunċizzjoni pero din ma ntlaqatx. Iċ-Ċermen talab lill-membri preżenti jekk għadhomx xi ideat dwar postijiet li jista jsirilhom restawr. Iċ-Ċermen issuġerixxa li hemm pill box ġewwa ir-Rocky Beach, jew ħareġ bis-suġġeriment ta’ l-għar li hemm taħt Ġnien Spinola.

64.3.10 Korrispondenza dwar Mara tas-Sena 2023/2024 – Il-Kunsill irċieva tlett nominazzjonijiet. Wara diskussjoni, il-Kunsillier Martin Sultana qal li jekk il-Kunsill ser jgħaddi għal-vot, ser ikun qiegħed jirtira n-nominazzjoni tiegħu. Huwa rtira n-nomina tiegħu. Wara din, kien baqa żewġ parteċipanti. Kien hemm qbil b’vot li ninominaw lis-Sinjura Moira Delia. Il-Vot kien sitta favur u wieħed astjena.

64.3.11 Il-Kunsillier Martin Sultana ġie skużat fis-6.15p.m.

64.3.12 Korrispondenza mingħand il-Perit Ray Demicoli dwar il-parkeġġ li hemm ħdejn il-Welbees. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma qabilx li jitneħħa l-parkeġġ propost iżda ser inkunu flessibli fuq t-talbiet l-oħra.

64.3.13 Korrispondenza mingħand l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul, fejn talab jekk hux possibli li l-laqgħa tal-Kunsill tibda ssir ġurnata oħra

minħabba li ma jkunx jista' jattendi għal-laqgħa. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel li l-laqgħa tibda ssir nhar ta' Tnejn.

64.3.14 Korrispondenza mingħand s-Soċjeta Mużikali Balluta dwar Programm Ġimgħa Mqaddsa 2024. Huma talbu li dan isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel u ma sab l-ebda oġġezzjoni.

64.3.15 Talba mingħand impjegata tal-Kunsill sabiex minn part time titla full time. Is-Segretarju spjega li tkellem ma' l-HR tad-Dipartiment. Huwa spjega wkoll li ser tkun qed tibda taħdem mill-1 ta' Marzu 2024. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

64.3.16 Email mingħand il-Perit Antoinette Conti minn Transport Malta dwar ta' Ta' Giorni Road. Ġie deċiż li l-Kunsill jaqbel li jsiru road humps iżda nistaqsu lit-Transport Malta jekk hemm xi oġġezzjoni min-naħa tagħhom peress li jgħaddi t-transport pubbliku.

64.3.17 Email mingħand ir-Reġjun Lvant dwar online session dwar skemi. Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li huwa avża lill-għaqdiet tal-lokalita'.

64.3.18 Email mingħand ir-Reġjun Lvant dwar request to visit site – VR Tours Projects. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

64.3.19 Korrispondenza dwar proposta għal finanzjament ta' playground ġdida. Iċ-Ċermen ser jkun qiegħed jiltaqa' magħhom.

64.3.20 Korrispondenza dwar *Tourist Ticket Booth* viċin il-Love Monument. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nibagħatu dan l-ilment lill-Pulizija.

64.3.21 Talba għal one time event għall-imwejjed u siġġijiet ġo Triq Gort. Wara diskussjoni l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u li jekk jkun hemm xi mużika, din tinżamm skont kif mitlub mill-liġi.

64.3.22 Korrispondenza dwar il-każ ta' Timothy Fenech – iċ-Ċermen informa li ser inkunu qegħdin koperti mingħand l-insurance sabiex jiġi mħallas l-ammont mitlub.

64.3.23 Korrispondenza dwar problema ta' parkeġġ fi Triq Manwel Dimech l-Balluta. Wara diskussjoni qasira ser immorru niccekjaw u naraw x' jista' jsir.

64.3.24 Korrispondenza dwar talba għall-bollards f'Telgħet Birkirkara. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ser ikun qiegħed jibagħat din it-talba lill-Transport Malta.

64.3.25 Korrispondenza: Il-Kunsillier Victor Vella ressaq ittra dwar problemi minn Air b'n'b. Din il-korrispondenza ser tkun qed tintbagħat lill-Malta Tourism Authority u l-Ministeru tat-Turismu. Lil min bagħat il-korrispondenza ser inkunu qed ninfurmawhom li l-korrispondenza tagħhom għaddejniha lill hawn fuq imsemmija.

**64.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

64.4.01.1 Il-Kunsillier Patricia Camilleri staqsiet dwar il-ħajt imwaqqa' li hemm fi Triq Zammit Clapp, hija ġiet infurmata li l-Pulizija ser ikunu qed jkellmu lill-iskola minħabba li dan jaqa' taħt ir-responsabilita' tagħhom, staqsiet dwar fiex wasal it-tender tal-karozza ta' l-anzjani, hija ġiet infurmata li ġie ffirmat il-kuntratt. Ġie deċiż li għal-laqgħa li jmiss jitniżżlu fuq l-Aġenda – Transport għall-anzjani kif ukoll Bye-Law dwar il-klieb.

64.4.02 Il-Kunsillier Sean Gauci staqsa dwar jekk hemmx xi pjan jekk hux ser jiġu rranġati l-bankini fi Sqaq is-Siġra. Dawn ser jigu rranġati mal-proġett tal-Ġnien Saver Zarb.

**64.5 Tender SGLC/T/3/2023;**

64.5.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq l-evalwazzjoni tad-dwal ta' Triq Charles Sciberras tal-imsemmi tender.

64.5.02 L-evaluation committee kien kompost minn tlett kunsilliera. Kien hemm bidder wieħed li kellu kollox *compliant*. Il-Kunsill qabel unanimament.

64.5.03 Saret riferenza għas-sejħiet għall-offerti tal-van li jintuża għal użu tal-Kunsill kif ukoll għal tindif ta' Soft Areas u Parks and Gardens fil-lokalita fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser jintbagħtu talbiet lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħalli l-Kunsill ikun jista' joħroġ Direct Order lill-kuntratturi sakemm tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida. Il-Kunsill approva.

**64.6 St. Patrick's;**

64.6.01 Iċ-Ċermen nforma li dwar St. Patrick's saret laqgħa mal-Pulizija, mal-LESA u ma' Trasport Malta dwar kif ser ikunu qed jingħalqu t-toroq etc. Iċ-Ċermen spjega li l-ispiża tal-LESA, Pulizija u oħrajn ser tkun iktar għolja minħabba li din is-sena St. Patrick's ser tkun qed tiġi ċċelebrata l-Ħadd. Ser tkun qed issir l-istima globali ta' kemm ser tkun qed tiswa din is-sena, sabiex din tkun tista' tintbagħat lill-Malta Tourism Authority sabiex id-differenza tkun

tista' titħallas min-naħa tagħhom. Kollox ser ikun qed isir bħas-sena l-oħra, l-ebda permessi ġodda mhuma ser joħorġu. L-permessi ser ikunu qed jingħataw il-ħwienet kif ukoll l-NGO's tal-lokal.

**64.7 Ħarġa għal Jum il-Mara;**

64.7.01 Iċ-Ċermen nformma li l-Ġimgħa 8 ta' Marzu ser tkun qed tiġi organizzata ħarġa mill-Kunsill fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara. Il-ħarġa ser tkun tikonsisti f'buffet breakfast il-Bellavista Hotel u qed nipruvaw nġibu xi mistiedna għal xi taħdida. It-transport jitlaq fid-9.15 ta filgħodu u lura għal ħabta ta' 12.30 ta' wara nofsinhar.

**64.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

64.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6093 sa 6135 (Ara Appendiċi 'A').

64.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**64.9 Skeda tal-Pagamenti**

64.9.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

64.9.02 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

64.9.03 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah fl-approvazzjoni.

**64.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

64.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2024 fil-laqgħa 5.00p.m.

64.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 25 ta' Marzu 2024**